MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 76/2004

**George u Mary Carmen konjugi Rapa**

**vs**

**Thomas Ernest Robinson**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-konvenut ghandu jaghti lill-atturi somma ta’ hames mija u tletin lira (Lm530) prezz ta’ xiri ta’ television set (29 inch) semi-flat u stereo tal-marka “Radio Marelli” u ta’ sett ta’ satellita “Nokia 96505” u tal-installazzjonit tal-istess, kif jidher mill-invoice hawn annessa u markata Dokument ‘A’.

Peress illi l-konvenut naqas li jhallas ghalkemm gie debitament interpellat;

Jghid ghaliex huwa m’ghandux:

(1) jigi kkundannat li jhallas lill-atturi s-somma ta’ hames mija u tletin lira (Lm530), kreditu dovut kif intqal hawn fuq.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta’ Awissu 2004 u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja u cioe’ mit-23 ta’ Gunju 2004 sal-hlas effettiv. Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.”

Ra r-risposta:

“1. It-talba attrici ghandha tigi rigettata ghaliex l-oggett mibjugh mhux skond il-ftehim pattwit. Il-konvenut ried haga u l-attur issupplixxa xi haga differenti.

Sema’ l-provi mressqa mill-partijiet kontendenti;

Ikkunsidra:

Il-kwistjoni bejn il-partijiet hi li filwaqt li l-attur jghid li huwa biegh lill-konvenut sett tat-televizjoni, flimkien ma’ sett ta’ satellita u l-istallazzjoni tal-istess, il-konvenut jeccepixxi li huwa ordna sett tat-television ghal mal-cable. Din hija eccezzjoni li l-oggett mibjugh mhux tal-kwalita’ pattuwita. F'kuntratt ta' bejgh, meta jigi konsenjat lill-kompratur oggett divers minn dak li hu ried jakkwista, oltre l-azzjoni ta' nullita` minhabba vizzju tal-kunsens skond l-Art 974 tal-Kodici Civili, il-kompratur ghandu ghad-difiza tieghu l-azzjoni rizoluttiva "ex contractu" taht l-Art 1390 tal-istess Kodici, meta l-venditur jigi biex jikkonsenjalu oggett ta' kwalita` mhux skond ma pprometta jew mhux skond il-kampjun Huwa assodat fil-gurisprudenza taghna li din id-difiza tista’ ssir mhux biss b’azzjoni imma wkoll permezz ta’ eccezzjoni, b’differenza mill-azzjoni redhibitorja li tista’ ssir biss in via ta’ azzjoni - *Apex Interiors Limited vs Martin Camilleri*, Appell (Civili Inferjuri) – Onor P Sciberras 20-10-2004.

Rinfaccjat b’zewg verzjonijiet konfliggenti, xoghol dan it-Tribunal huwa li jfittex liema hija l-iktar wahda li ghandha

mis-sewwa. F'dan il-kompitu, ma huwa xejn meghjun mill-fatt li l-invoice esibita mill-attur – Dok A a fol 3 – mhix iffirmata mill-konvenut; l-attur ressaq il-provi tieghu billi xehed hu u gieb zewg xhieda; il-provi tal-konvenut jikkonsistu fid-deposizzjoni tieghu stess biss u ma sar l-ebda kontro-ezami, la mill-attur lill-konvenut u lanqas mill-konvenut lill-attur jew ix-xhieda minnu mressqa. Fi kliem iehor, fl-atti hemm speci ta' zewg "monologi", minghajr ebda interattivita' bejniethom.

Miz-zewg verzjonijiet, it-Tribunal isib iktar fededenja dik tal-attur. Min-naha l-ohra, l-versjoni tal-konvenut isibha inverosimili: meta l-attur mar jistallalu d-dixx tas-satellita, il-konvenut, kieku ma kienx ordna dan id-dixx, kien jirrifjuta l-konsenja dak il-hin stess. Dan apparti li l-verzjoni tal-konvenut mhux biss tinstab imgiddba mill-attur u minn martu, imma wkoll minn klijent li kien fil-hanut tal-attur meta l-konvenut ghamel l-ordni tieghu, u li ma jistax ma jitqiesx bhala xhud indipendenti u kredibbli bil-mod kif xehed.

In vista tal-premess, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici u ghaldaqstant jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi s-somma ta' LM530 prezz ta' xiri ta' sett ta' televizjoni, sett tas-satellita flimkien mal-istallazzjoni taghhom, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-25 t'Awwissu 2004, b'dan illi l-imghax legali jiddikorri biss mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------